# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

6. *Eliżew u Naaman.*

Naaman kien rajjes fuq in-nies kollha tas-Sultan tas-Sorija, raġel ta' kelmtu u ta' setgħa kbira, jinqala' ħafna u għani ferm, imma mġiddem. Issa nzerta li martu kellha b'irsira tagħha daqsxejn ta' xebba minn Israeli. U din qalet lil sidtha: "Għaddieli minn moħħi li jekk sidi jmur mawra sa Samarija, fejn dil-ħabta hemm il-profeta Eliżew, żewġek ifiq mill-ġdiem li rikeb". Kif martu tarrfitlu fuq li semmietlu l-irsira tagħha, Naaman tħajjar imur u b'amar is-sultan ħtieġlu li jitlaq u jidħol Samarija, u ħa miegħu tagħmira fidda u deheb u xedd. U waqqaf iż-żwiemel biswit id-dar ta' Eliżew. U Eliżew anqas biss xiref mit-tieqa, u bagħat jgħidlu ma' Ġieżi li jmur jitbaħbaħ seba' darbiet fl-ilma tal-Ġurdan u joħroġ mill-ilma mfejjaq. Naaman ħa għalih għax deherlu li Eliżew ma kellux iġib ruħu miegħu kif għamel, billi deherlu li kellu jinżel hu nnifsu u dik is-siegħa jfejqu fl-isem t'Alla; fuq hekk telalu, tah daħru u qabad igemgem u jgħid: "Jaqaw, ix-xmajjar tas-Sorija ma jiswewx bil-bosta aktar mill-ilmijiet ta' Israel? Iżda n-nies tiegħu, huwa u jitbiegħed minn hemm, tarrfulu illi kieku l-Profeta qallu jagħmel wisq aktar mn'hekk, hu kien bil-fehma joqogħdlu: kemm aktar imissu issa jisma' minnu, la darba ma talbux ħlief jinħasel u jissaffa? Naaman fuq hekk niżel il-Ġurdan u tbaħbaħ seba' darbiet: u, ħwejjeġ tal-għaġeb kif ġismu ssaffa bħal ġisem ta' tarbija, u fieq għal kollox! U raġa' lura għand il-Profeta, u qallu: "Ngħid is-sewwa, u nistqarr li ma hemmx Alla ieħor għajr ta' Israel. Jiena issa nitolbok tilqa' li ġieblek il-qaddej tiegħek". Iżda, Eliżew li kien telaq l'ommu u 'l missieru u l-ġid kbir li kellu biex isir qaddej ta' Elija, minnu fih wieġbu: "Fl-Isem t'Alla, ma rrid xejn minn għandek. Mur bis-sliema."

U Naaman sellem bil-qima lill-profeta u staqsieh kif għandu jġib ruħu meta jeħtieġlu quddiem is-Sultan; dan qallu jgħabbi żewġ bgħula bil-ħamrija minn dik l-art biex meta jasal f'pajjiżu jferrixha u fuqha jtalla' artal lil Alla ta' Israel; tbiegħed Naaman ferħan minn dik il-belt u ħafif biex jidher quddiem is-sultan tiegħu mfejjaq mill-ġdiem.

7. *Eliżew u Ġieżi.*

X'ħin, iżda, Naaman u n-nies tiegħu tbiegħdu mill-belt, Ġieżi, il-qaddej ta' Eliżew, raha bi kbira wisq li sidu ma ħa xejn ta' idejh għalli għamel ma' Naaman; u telaq jiġri għal urajh: jgħidlek, kollu wieħed xi ħaġa tmissni. Meta Naaman lemaħ ir-raġel jiġri, waqqaf, niżel miż-żiemel, mar jilqgħu: "Kollox sew, hux?" staqsieh: "Ma nqala' xejn mill-ġdid?" Ġieżi geżwirlu li bagħtu sidu l-Profeta jgħidlu illi żewġ żgħażagħ kienu niżlu dak il-ħin mill-għolja ta' Efajm u xtaq jitolbu wqija tal-fidda għalihom u żewġ tibdiliet ħwejjeġ. U Naaman ġiegħlu jieħu għal waħda, tnejn u żewġ tibdiliet; u Ġieżi mar bilġri jaħbi dan il-ġid kollu id-dar, u mbagħad deher quddiem sidu. Eliżew staqsieh: "Jaqaw, int fejn mortli?" Wieġbu l-qaddej:

"Jien......? imkien!" U Eliżew liemu u qallu: "Bħallikieku ruħi ma kinitx miegħek x'ħin Naaman niżel l-art biex jilqgħek?!" Iss'int ħadt minn għandu l-flejjes u t-tibdiliet tal-ħwejjeġ li telaqlek f'idejk u inti għandek fehma li tixtri bihom oqsma taż-żebbuġ u dwieli, u ngħaġ u baqar. Imma l-ġdiem ta' Naaman sejjer jeħel miegħek u mal-ġid tiegħek għal dejjem. U Ġieżi tbiegħed minn dar Eliżew mimli bi ġdiem mill-eqqel.

8. *Eliżew fil-Belt ta' Dotajn.*

Is-Sultan tas-Sorija ried imur jeħodha ma' Israeli. U ħabat jonsoblu. Imma, Eliżew bagħat jgħarraf lil dan lis-Sultan ta' Israel biex ikun jista' jilqagħlu u jeħles mit-tiġrib. U bagħat jgħidlu aktar minn darba u tnejn. Fl-aħħar, is-Sultan tas-Sorija, meta ra li ta' kull darba t-taħbit tiegħu jisfalu fix-xejn, twebbel li xi ħadd min-nies tiegħu kien qed jilagħbu. Iżda, ta' ma' dwaru qalulu: "Lè, ja sultan tagħna, int twajjeb wisq u ma tarax li dan il-għawġ ġej minn Eliżew il-Profeta li jħebbaħ lil Israeli b'kull ma għandek fehma tagħmel. Kun af, li dan Eliżew jinsab f'Dotajn. U s-Sultan bagħat iż-żwiemel bin-nies tiegħu biex idawru dik il-belt u jaħtfuh minn hemm.

U l-qaddej ta' Eliżew dak inhar bakkar u ħareġ mid-dar jgħarrex l'isfel, u fil-bgħid lemaħ qtajja' ta' nies għedewwa, u mwerwer qal lil-Profeta x'kien ra; imma Eliżew wieġbu minnufih: "La tibżax, għax in-nies li jżommu magħna huma wisq akbar mill-għedewwa". U fetaħ għajnejn il-qaddej tiegħu u dan lemaħ l-għolja miżgħuda bi żwiemel tan-nar u l-Anġli t'Alla jittajjru ma' dwar il-Profeta. U l-għedewwa resqin dejjem għoddhom waslu għal fuqhom; imma Eliżew talab l-għajnuna tal-Mulej, u l-Mulej għamiehom. Il-Profeta mar fuqhom u qallhom: "Ħadtu triq b'oħra; imxu miegħi u jien inwassalkom fejn issibu lil min qegħdin tfittxu". U mexxiehom u ħadhom qrib Samarija. U x'ħin daħlu l-belt, talab l'Alla, u ż-żlieġa waqgħet minn għajnejhom u dawk sabu ruħhom f'nofs il-belt ta' Samarija. Is-Sultan ried joqtolhom; iżda Eliżew qallu: "Lè, ma waqgħux taħt idejk bis-sejf: m'għandek ebda jedd fuqhom; tihom jieklu u jixorbu bixxaba'; u dawk kielu u xorbu, u telquhom imorru għand sidhom. U qatt aktar il-ħallelin tas-Sorija ma dehru fl-artijiet ta' Israeli.

9. *Mewt ta' Eliżew.*

Eliżew marad bil-marda li biha miet. U Gioas, sultan ta' Israel, mar għandu jibki u jolfoq, u qal: "Missier, missier tiegħi, aqwa min-nies kollha tiegħi, u l-mexxej ta' Israeli"! U Eliżew wieġeb lis-sultan: "Newwilli qaws u qatta vleġeġ". U x'ħin ġibhomlu, gagħlu jiftaħ beraħ it-tieqa tal-għorfa li tagħti għan-naħa tal-Ġurdan, u riedu jqiegħed idu fuq il-qaws. U wara li s-sultan qiegħed idu hekk, Eliżew qiegħed idejh fuq idejn is-sultan, u qallu: "Iġbed vleġġa". U s-sultan ġibed il-vleġġa. U issa l-Profeta qallu: "Vleġġa li teħles Israeli mill-jasar tas-Sorija: int sejjer tagħleb in-nies tas-Sorija u teqridhom".

U Eliżew tennielu: "Aqbad il-qatta; u ibqa' iġbed minnhom għall-art." U ġibed, waħda wara l-oħra tliet vleġeġ, u waqaf. Fuq hekk, dak ir-ruħ tajba, qallu: "Kieku int ġbidt sitta jew seba' darbiet bil-vleġeġ, daqshekk ieħor drabi kont

taħkem is-Sorija, imqar sa teqridha għal kollox. Imma għal tliet darbiet biss inti tirbaħha."

U Eliżew miet u difnuh. U ħabtet dik is-sena li xi Moabiti daħlu f'Israeli; u xi wħud li kienu qegħdin jidfnu mejjet, rawhom resqin 'l hinn; u fis-siegħa u l-ħin, waddbu bilġri l-ġisem ta' dak il-mejjet fil-qabar ta' Eliżew; u dak ir-raġel qam mill-imwiet u waqaf fuq riġlejh.

U Gioas, is-sultan, raġa' ħakem l-ibliet li s-sultan tas-Sorija kien ħa minn taħt idejn Israeli; u tliet darbiet Gioas ħabat għalih u rebħu, u ħtieġlu jroddlu dawk l-ibliet kollha ta' Israeli.

### 10. *Ġjona f'Mewġ il-Baħar*

Żmien Amatija, sultan tal-Lhudija, waqt li Eliżew kien iħabbar li għandu jiġri fost Israeli, Alla samma' leħnu lil Ġjona, u qallu: "Itlaq u mur Niniveh, dik il-belt il-kbira, u wissihom lil dawk in-nies fuq il-ħażen ta' ħajjithom." U Ġjona bilġri telaq, iżda bil-fehma li jaħrab minn wiċċ Alla u jibqa' sejjer Tarxix; u wasal Ġjoppa, belt mill-eqdem minn tal-Lhudija, u hemm sab xini bil-qlugħ lejn Tarxix, u ħallas sehmu u telaq ma' l-oħrajn. Iżda l-Mulej qajjem l-irjieħ fuq il-baħar u qam il-mewġ, u r-rwiefen bdew ivenvnu, u x-xini kien għoddu tfarrak. U l-baħrin beżgħu mill-għarqa u qabdu jitolbu 'l allat tagħhom, u xeħtu t-tagħbija il-baħar biex iħeffu x-xini. U Ġjona niżel f'qiegħ ix-xini, u kien rieqed, u r-rgħajjes resaq fuqu jqajmu, u ħadha miegħu u għajru għażżien u riedu jitlob 'l Alla tiegħu li jeħlishom mill-għarqa. U għamlu x-xorti bil-fehma li jaraw min jaħti għal dan it-tigrif; u x-xorti waqgħet fuq Ġjona. Fuq hekk aktar ħaduha miegħu u riedu jafu mnejn ġej, u x'sengħa kellu, u għaliex dan il-għawġ waqa' fuqhom. U Ġjona weġibhom li hu jaħti għal dak il-għawġ, għax hu ried jaħrab minn quddiem wiċċ Alla tiegħu; u mbagħad staqsewh x'jaqbdu jagħmlu bih, u qalilhom jixħtuh il-baħar biex il-mewġ jibnazza.

U l-baħrin qabdu jaqdfu għall-art, imma ma setgħu jagħmlu xejn mal-qawwa tal-mewġ, u x-xini tiela' u nieżel u l-baħar jogħla dejjem aktar. U l-baħrin bdew jgħajtu: "Mulej, aħfrilna jekk sejrin nerfgħu idejna fuq dal-bniedem li ma neħlux aħna mħabba fih!" u qabdu 'l Ġjona u waddbuh il-baħar; u l-baħar ibbnazza dik is-siegħa.

U Alla bagħat ħuta kbira li belgħetu lil Ġjona. U Ġjona għax ġewwa l-ħuta tlitt ijiem u tlitt iljieli, u talab 'l Alla f'dak il-qabar, u talbu jaħfirlu u jħenn għalih. U mat-tielet jum, Alla amar lill-ħuta li targa' titfgħu l-art.

### 11. *Ġjona f'Niniveh.*

Kelmet Alla reġgħet waslet f'widnejn Ġjona u biha tennielu: "Mur Niniveh dik il-belt il-kbira, u semmagħhom li ngħidlek". U Ġjona qam u telaq lejn Niniveh; u kif qabad dieħel f'dik il-belt mibnija minn Nemrud, beda jheddidhom b'dawn il-kelmet ta' Alla: "Erbgħin jum ieħor, u Niniveh tiġgarraf!" U n-nies ta' dik il-belt emmnu b'Alla, u kbar u żgħar xteħtu fuq il-ħajjar jitolbu u jsumu. U s-Sultan ta' dik il-belt semma' bit-theddida tal-Profeta u xogħof, niżżel rasu u warrab ħwejġu ta' sultan biex jilbes ix-xoqqa u jinxteħet fuq l-irmied. U qata' li hu u l-kbarat u kulħadd isum mill-akbar sal-iżgħar

fosthom, nies u bhejjem; u l-gniedes u l-merħliet ma jitimgħuhomx u anqas jisquhom; u amar li kulħadd jitlob 'l Alla u jisgħobbih minn dnubietu u drawwietu l-ħżiena, għaliex, qalilhom: "Min jista' jaf jekk Alla ma tgħaddilux din id-dagħadigħa u jaħfrilna".

U x'ħin Alla rahom sogħbenin, stqarru dnubiethom u biddlu ħajjithom, ħenn għalihom, ħafrilhom, u xejn ma għamel milli heddidhom.

U Ġjona ħawwad rasu u ħadha bi kbira wisq meta għaddew l-erbgħin jum u għaraf li Alla kien ħenn għal dawk il-midimbin meta ra li xejn ma ġralhom milli heddidhom, għax jgħidlek ħadd issa aktar ma jemmnu. U Ġjona fetaħ qalbu ma' Alla, u qallu: "Mhux ta' b'xejn bżajt jien meta ħrabtlek u tlaqt lejn Tarxix, għaliex nafek kemm inti Alla tal-ħniena u stajt nobsor li inti bħal xejn tmur taħfrilhom u jiġrili li ġrali. Iddew, Mulejja, ħudli ruħi, għaliex aktar jaħbatli mmut jew nibqa' f'din il-ħaja". U Ġjona ħareġ mill-belt u mar dabbar rasu u jistkenn taħt ġerna b'erba' ġebliet, mill-bieb 'il barra n-naħa ta' nofs inhar. U mal-lejl Alla nebbitlu liedna, u din kibret u x-xebilket, u għattietlu il-ġerna biex tilqagħlu x-xemx, u Ġjona ma ferħx bi ftit b'dellha. L-għada, iżda, Alla bagħat nitfa ta' ħanex igerrem għerq il-liedna, u l-liedna dbielet u nixfet. U meta reġgħet telgħet ix-xemx, isħana ħaditlu moħħu lil Ġjona, u waqgħet ħedla qawwija fuqu, u ddejjaq għall-mewt u talab lill-Mulej jiġbru miegħu.

Fuq hekk, Alla liemu u qallu: "Iss'int jidhirlek għandek għalfejn tgemgem? Daqs kemm ħadttha bi kbira illi dil-liedna li għaliha inti xejn ma tħabatt, u din nibtet, u ġiebet ruħha f'lejl, u f'lejl nixfet, ridtnix jewwilla neqred din il-belt bil-mija u għoxrin elf ruħ tagħha li anqas jagħrfu l-lemin mix-xellug?".

A.M.G.

## BIEX ISEWWIHA, GĦARRAQHA IŻJED

Dun Pawl ta' Ħaż-Żabbar u Dun Piet ta' Ħal-Lija nzertaw sabu ruħhom f'tieġ gwapp ir-Rabat. Bejn grokk u ieħor dawn iż-żewġ qassisin, biex jgħidu xi ħaġa, bdew iħarsu lejn il-mistednin l-oħra u jagħmlu xi kritika, u għajnejn Dun Piet waqgħu fuq żewġ nisa li kienu bil-qiegħda biswithom. Hawn Dun Piet qal lil Dun Pawl:

— Pawl, qallu, qiegħed tara dik il-mara ta' quddiemna, sewwa sew ta' ħdejn it-tieqa, kemm hi kerha u kemm hi liebsa ta' ridikola?

— Liema, qallu l-ieħor, dik li għandha mrewħa f'idejha?

— Iva, qallu.

— Dik hi oħti l-kbira.

— Le, qiegħed ngħid għal dik ta' ħdejha, li qiegħda titkellem magħha.

— Dik? Dik oħti ta' warajha — mara għaqlija u ta' darha ħafna.

Wieħed jista' jaħseb kif baqa' u kif infixel Dun Piet!